MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

**ONOR. IMHALLEF**

**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 10/2012/2

**William Vella f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Transpak Overseas Removals Limited (C 3339), Maria Lourdes Vella f'isimha u f'isem bintha Catherine Vella mart Andrea Nanni, Maria Carmela *sive* Marleen armla ta' Maurice Degiorgio. Mary Rose mart Geoffrey Malli u Joan mart Peter Wirth**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Awwissu, 2013, li bih l- appellanti Vella *proprio* u *nomine* (aktar 'il quddiem imsejħin "ir-rikorrenti") talbu li din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija minnha fil-31 ta' Mejju, 2013, u terġa' tisma' l-appell għall-finijiet tal-artikoli 811(i)[1] u 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ippremetta illi:

"Fl-1 ta' Frar, 2012, l-esponenti intavolaw rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li jaqra hekk:

"**A: Preliminari**

"Illi l-esponenti proprio, flimkien mar-rikorrenti l-oħra individwali huma l-proprjetarji ta' maħżen bin-numru 326 u 328, Triq Żabbar, Fgura, liema maħżen ikompli sejjer fuq wara sa Sqaq Rjallu, il-Fgura.

"Peress illi dan il-fond ilu mibni mis-sena 1956 u jintuża bħala maħżen kummerċjali u fil-preżent qed jintuża mill-kumpanija rikorrenti bħala maħżen għan-negozju tagħha, liema maħżen jintuża kontinwament is-sena sħiħa.

"Peress illi snin ilu, is-soċjeta' rikorrenti ġiet avviċinata minn xi individwi biex iċedu parti minn wara ta' l-imsemmi maħżen ħalli huma jkollhom aċċess aħjar

[1] Waqt is-smigħ tat-3 ta' Marzu, 2014, l-għaref difensur tar-rikorrenti iċċara li t-talba kienet saret rigward l-artikolu 811(e) u mhux l-art. 811(i)

għall-proprjeta' tagħhom li qegħda aktar 'il ġewwa ġo l-Isqaq Rjallu, iżda l-esponenti ma aċċettawx li jċedu din il-parti tal-maħżen stante li dan il-maħżen qed jintuża u l-esponenti ma ridux jitilfu din il-proprjeta'.

"Peress illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet mgħarrfa illi permezz ta' avviż tal-Gazzetta tal-Gvern numru 30 tas-sena 2012 ippubblikata fil-11 ta' Jannar 2012, il-President tar-Repubblika iddikjara illi jrid jakkwista porzjoni art ta' kejl ta' $39m^2$ li tinsab il-Fgura u fil-fatt jidher illi l-parti ta' l-art li hija milquta bl-imsemmi avviż huwa proprju parti sostanzjali mill-kantuniera ta' wara ta' l-imsemmi maħżen.

"Illi għalkemm fl-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern hemm dikjarat illi l-awtorita' kompetenti trid takkwista din il-proprjeta' għal skop pubbliku, fir-realta', kif ġie indikat ukoll fil-pjanta annessa ma' l-ittra msemmija PD2011-595 (li ukoll hemm referenza għaliha fl-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern), din l-art qegħda tiġi akkwistata għall-benefiċċju ta' terza persuna u hemm imniżżel senjatament "*expropriation at the expense of a third party*".

"Illi jirriżulta wkoll illi aktar 'il ġewwa f'dan l-isqaq hemm proprjeta' oħra ta' terzi, liema terzi żviluppaw il-proprjeta' kollha tagħhom u ma jidhirx illi ser issir esproprjazzjoni fil-konfront tagħhom u għalhekk qed issir diskriminazzjoni fil-konfront ta' l-esponenti.

"Illi b'riżultat ta' tali aġir ta' l-intimati qegħdin jiġu leżi d-drittijiet fundamentali kif sanċiti fl-Artikolu 1 Protokol 1 u fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali.

"Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

"Tħassar u/jew tiġi annullata d-Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq imsemmija sakemm tolqot il-proprjeta' mertu tal-kawża;

"Tagħti kull ordni u rimedju provizorju *pendente lite* u anke kull ordni u/jew rimedju xieraq u opportun sabiex jiġu kawtelati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti pendenti l-kawża;

"Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu kumpens xieraq u adegwat sabiex jagħmlu tajjeb għal-leżjoni sofferta mill-esponenti kompriżi kemm danni morali kif ukoll danni materjali.

"Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni;

"Illi l-intimati irrispondew illi:

"Preliminarjament, l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur u dan a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

"Dejjem in linea preliminari, in kwantu din l-esproprjazzjoni saret sabiex titwessa' t-triq skedata 'Sqaq Rjallu, Fgura', għandha tiġi kjamata in kawża t-Transport Malta li għamlet it-talba lill-Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex isir dan l-esproprju u għandhom ukoll jiġu kjamati in kawża Mario u Katya konjuġi Bonello (ID 89274M u ID 19673G rispettivament) u Anthony u Doris konjuġi Bonello (ID 388149M u ID 599850M rispettivament) li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Diana Charles tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħdax (2011) obbligaw ruħhom iħallsu l-ispejjeż kollha marbuta ma' l-istess esproprjazzjoni;

"Mingħajr preġudizzju u ukoll in linea preliminari, hija l-umli fehma ta' l-esponenti li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont il-*proviso* ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 in kwantu mir-rikors promotur ma jirriżultax li r-rikorrenti eżawrixxew ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli favur tagħhom qabel ma ntavolaw il-proċeduri odjerni;

"Mir-rikors in risposta jidher illi l-lanjanza kostituzzjonali hija msejsa fuq kontestazzjoni ta' l-iskop pubbliku li għaliha ġiet esproprjata l-art. L-Artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi rimedju ordinarju sabiex tiġi attakkata d-dikjarazzjoni. Minflok ma użaw il-proċedura appożita, ir-rikorrenti għażlu li jadixxu lil dina l-

Onorabbli Qorti direttament u ħallew it-terminu prevvist mil-liġi ordinarja jgħaddi inutilment;

“Inoltre’, in kwantu, r-rikorrenti qegħdin jitolbu illi ‘*pendente lite din l-Onorabbli Qorti tagħti rimedju kawtelatorju billi tordna lill-intimat milli direttament jew indirettament jidħol u jieħu pussess tal-proprjeta’ de quo jew milli b’xi mod ifixkel lir-rikorrenti fit-tgawdija paċifika tal-proprjeta’ 326-328, Zabbar Road, Fgura*’ huma qegħdin jabbużaw mill-proċedura straordinarja kostituzzjonali meta effettivament ir-rikorrenti jistgħu jottjenu dak li qed jitolbu permezz tal-proċedura ordinarja u cioe’ billi jitolbu l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Li qegħdin jippruvaw jagħmlu r-rikorrenti permezz tar-rikors in risposta huwa li jottjenu l-istess riżultat u jitwaqqfu l-proċeduri ta’ l-esproprjazzjoni mingħajr in-neċessita’ li jagħmlu rikors għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni fejn ir-rikorrenti jkollhom jippruvaw id-dritt vantat minnhom fuq bażi ta’ *prima facie*;

“Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

“Illi ma hemm l-ebda ksur ta’ l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif qed jallegaw ir-rikorrenti in kwantu l-art in kwistjoni, li hija art proġettata bħala triq skont l-iskema ta’ l-Ippjanar, ġiet esproprjata fl-interess pubbliku u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet applikabbli;

“Illi lanqas ma hemm xi ksur ta’ l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif qed jallegaw ir-rikorrenti. Il-proprjeta’ in kwistjoni ġiet esproprjata sabiex titwessa’ triq skedata u ċioe’ ‘Sqaq Rjallu, Fgura’. Il-fatt li f’dan l-istadju saret l-esproprjazzjoni indikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru 30 tas-sena 2012 ippubblikata fil-11 ta’ Jannar 2012 u ma saritx ukoll l-esproprjazzjoni tal-proprjeta’ ta’ terzi ma jfissirx li saret xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti kif qed jiġi allegat fir-rikors promotur. Ifisser biss illi f’dan l-istadju tax-xogħolijiet, kienet meħtieġa l-esproprjazzjoni ta’ dik il-proprjeta’ indikata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta bil-kulur P.D. Nru. 2011-595.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom”;

"Illi b'digriet tas-7 ta' Mejju 2012 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-esponenti sabiex iressqu xhieda ħlief għal "Kummissarju tal-Artijiet biex jixhed għall-iskop minnhom stess indikat u tordna lir-rikorrenti sabiex iħarku lil-istess Kummissarju tal-Artijiet jew rappreżentant tiegħu biex jixhed fis-seduta li jmiss u għall-iskop indikat".

"Illi permezz ta' rikors fit-18 ta' Mejju 2012 l-esponenti talbu li ssir korrezzjoni fir-rikors promotur billi jiżdiedu l-paragrafi segwenti fil-kawżali qabel ma jibdew it-talbiet kif ser jingħad:

> ""Illi fid-deċiżjoni li jsir l-esproprju tal-proprjeta' ta' u gawduta mir-rikorrenti u t-teħid tal-istess proprjeta' (*transfer of ownership*) sar mingħajr ma kien hemm smigħ xieraq tal-esponenti u ma sarx minn Tribunal indipendenti u imparzjali filwaqt illi jidher illi l-istess deċiżjoni ttieħdet unilateralment mill-intimat a' benefiċċju tal-Gvern ta' Malta proprju fuq talba ta' terzi persuni interessati u għalhekk lanqas ma kien hemm '*equality of arms*'
>
> "Illi inoltre kwalsijasi proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ Dwar Artijiet ma jikkostitwux rimedju xieraq quddiem Tribunal jew Qorti indipendenti u imparzjali billi dawn ma jindirizzawx l-ilmenti tal-esponenti, r-rimedju mhux wieħed xieraq, mhux opportun u mhux effettiv u lanqas ma hu spedizzjuż
>
> "Illi għalhekk ġew leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fondamentali"

"Illi dan ir-rikors qatt ma ġie degretat.

"Illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-12 ta' Ottubru 2012 fil-kawża fl-ismijiet premessi, l-Qorti laqgħet it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati a' tenur tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(1) [*recte:* 4(2)] tal-Kap 318 [*recte:* 319] tal-Liġi ta' Malta, iddeklinat milli teżerċita s-setgħat tagħha għar-raġuni li r-rikorrenti kellhom mezz xieraq ta' rimedju taħt liġi ordinarja oħra għall-ksur tal-jeddijiet tagħhom kif minnhom allegat, u b'hekk illiberat lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż tal-kawża kollha allokati għall-esponenti.

"Illi l-esponenti jħossuhom aggravati bid-degriet tas-7 ta' Mejju 2012, bil-fatt illi r-rikors tal-esponenti tat-18 ta' Mejju 2012 ma ġiex degretat u dak li hemm indikat fl-istess rikors ġie injorat, u kif ukoll mis-sentenza fuq imsemmija u għalhekk qegħdin jintavolaw dan l-appell.

"Illi b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju, 2013, l-appell imsemmi ġie miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

"Illi l-esponenti jsosstnu li hemm lok li l-appell jiġi ritrattat billi kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi u s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti (Art 811(i)[2] u (l) tal-Kap 12) u għalhekk qed isir dan ir-rikors.

"**B: Fatti fil-qosor**

"Illi l-fatti fil-qosor huma dawn:

"(1) Illi l-Kummissarju tal-Artijiet irċieva talba mingħand Transport Malta bid-data tat-18 ta' Jannar 2011 sabiex issir *expropriation on behalf of third parties* tal-proprjeta' in kwistjoni. Huma indikaw li t-*third party* huwa ċertu Mario Bonello.

"(2) Illi fis-7 ta' Marzu 2011 il-Kummissarju tal-Artijiet kiteb lis-Sur Bonello u talbu jikkonferma li hu għamel tentattivi biex jipprova jasal fi ftehim bonarju mas-sidien tal-proprjeta' in kwistjoni.

"(3) Illi fit-28 ta' Mejju 2011 s-Sinjuri Mario u Anthony Bonello, wara li kitbu biss lil William Vella, wieġeb (*sic*) lill-Kummissarju tal-Art li kienu għamlu tentattivi iżda kienu bla riżultat u komplew jgħidu hekk: "*may we kindly officially request you to proceed with this expropriation at the expense of the undersigned as per your letter.*"

"(4) Illi bħala tħejjija għall-proċess ta' esproprjazzjoni, il-Kummissarju tal-Artijiet inkariga lill-Perit Michael Schembri sabiex jagħmel stima tal-proprjeta'.

[2] *Recte:* Art. 811(e)

"(5) Skont ir-rapport tal-Perit, huwa għamel stima ta' art fejn qies li l-art hija ta' natura kummerċjali u wasal għall-valur ta' € 29,000. Ma hemmx kontestazzjoni li fil-fatt l-proprjeta' in kwistjoni m'hijiex biċċa art iżda tikkonsisti f'parti sostanzjali minn *warehouse* li ġie mibni legalment iktar minn ħamsin sena ilu u dan il-*warehouse* qed jintuża kummerċjalment mis-soċjeta' rikorrenti iżda jidher li meta l-proprjeta' ġiet stmata, l-istima tal-perit ma inkorporat xejn iżjed ħlief dak li l-perit deherlu kien l-*intrinsic value* tal-*footprint* tal-art mingħajr konsiderazzjonijiet oħra.

"(6) Illi l-Kummissarju tal-Artijiet iddeċieda biex ikompli bil-proċess ta' esproprijazzjoni u fit-12 ta' Ottubru 2011 sar kuntratt bejn il-Gvern ta' Malta minn naħa 'l waħda u minn naħa l-oħra Mario Bonello, Katya Bonello mart Mario, Anthony Bonello u Doris Bonello mart Anthony li permezz tiegħu l-komperenti Bonello ħallsu lill-Gvern ta' Malta s-somma ta' € 29,000 li tirrappreżenta l-istima li ħareġ il-Gvern ta' Malta u obbligaw ruħhom li jħallsu lill-Gvern ta' Malta kull ammont addizzjonali fuq dan l-ammont minnhom imħallas kemm-il darba l-valur jiġi mibdul jew miżjud mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u dan kollu seħħ wara li 'l-Gvern ta' Malta ddeċieda li jakkwista l-istess art mingħand is-sid/sidien skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet.

"(7) Id-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika għall-esproprju tal-art ġiet publikata permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern fil-11 ta' Jannar 2012.

"(8) B'effett mid-Dikjarazzjoni tal-President skond il-Kap 88 (i.e. meta tiġi debitament publikata) t-titolu tal-art jgħaddi favur il-Gvern ta' Malta awtomatikament (Art. 22.8 tal-Kap 88).

"(9) Illi fl-ebda ħin ma l-Kummissarju tal-Artijiet jew it-Transport Malta ma ipprovaw jikkomunikaw mal-esponenti fuq il-materja ħlief permezz ta' ittra tad-19 ta' Jannar 2012 fejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet kiteb lil William Vella biss fejn fost affarijiet oħra talbu hekk:

> *"Jekk inti għandek interess f'din il-proprjeta', int mitlub li ġġib parir legali mingħand avukat fuq il-formola li tinġabar mid-dipartiment li jikkonferma li l-proprjeta' hija tiegħek".*

"(10) Illi l-proprjeta' in kwistjoni ma tikkonsistix f'art iżda tikkonsisti minn parti minn *warehouse* kummerċjali li qed tintuża mill-kumpannija Transpak Overseas Removals Limited. Ir-rikorrenti l-oħrajn huma ko-proprjetarji.

"(11) Il-Kummissarju tal-Artijiet ikkonferma li twaħħal Avviż fuq il-post pero' ma kienx f'pożizzjoni li jiddikjara f'liema data twaħħal tali Avviż.

"(12) Il-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-1 ta' Frar 2012 u ma ġew intavolati l-ebda proċeduri ġudizzjarji oħra in materja.

"(13) Illi inoltre, fil-kors ta' dawn il-proċeduri, l-esponenti talbu biex jixhdu s-segwenti persuni: (i) Ir-rikorrenti William Vella sabiex jixhed dwar l-esproprju *de quo*, l-impatt fuqu, fuq il-kumpanija tiegħu u fuq is-sidien kemm mil-lat ta' proprjeta' kif ukoll ta' *business* kif ukoll sabiex jixhed dwar diskors bejnu u l-familja Bonello; (ii) Rappreżentanti tal-MEPA sabiex jixhdu dwar il-permess ta' żvilupp tal-familja Bonello u dan biex jiġi eżaminat il-bilanċ bejn il-piż li qed jintalbu jġorru r-rikorrenti u l-allegat 'benefiċċju' perċepit mill-esproprju; (iii) Il-Perit Carmel Cacopardo u Kevin Borġ Brincat (*quantity surveyor*) sabiex jixhdu dwar l-effett tal-esproprju fuq il-*warehouse* tal-esponenti mil-lat strutturali kif ukoll il-valur tal-istess, biex jintwera l-piż li qed jintalbu jġorru l-esponenti; (iv) John Busuttil, *accountant* tas-soċjeta' rikorrenti, sabiex jixhed dwar l-impatt tal-esproprju fuq il-*business* tas-soċjeta' rikorrenti, biex jintwera l-piż li qed jintalbu jġorru r-rikorrenti; (v) Rappreżentant tal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jixhed dwar ir-raġuni għaliex inbdew il-proċeduri ta' esproprju, dwar jekk id-Dikjarazzjoni Presidenzjali għandhiex effett li tgħaddi t-titolu tal-proprjeta', u l-valutazzjoni relattiva tal-proprjeta' kif inħadmet u x'tikkomprendi u dwar jekk u meta twaħħal kopja tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fuq il-proprjeta' mertu tal-kawża; (vi) Direttur Ġenerali Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jixhed dwar proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet (L.A.B.) u kemm idumu proċeduri bejn meta jinħareġ n-*Notice to Treat* sakemm ikun hemm eżitu finali għal dawn il-proċeduri u kemm idumu l-proċeduri bejn meta tiġi deċiża l-kawża quddiem l-LAB u meta l-każ jiġi appuntat għas-smigħ quddiem il-Qorti tal-Appell.

"(14) Illi minn dawn in-nies kollha, il-Qorti ċaħdet lill-esponenti milli jixhdu fil-kawża tagħhom stess u ħalliet biss ix-xhieda tal-intimat b'digriet tas-7 ta' Mejju 2012 u ieħor tat-22 ta' Ġunju 2012.

"(15) Illi inoltre, l-esponenti riedu jżidu l-kawżali f'din il-kawża iżda din it-talba ġiet totalment injorata mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

"**<u>Illi fl-appell fuq imsemmi huma ressqu s-segwenti aggravji:</u>**

"**<u>Aggravji mressqa fl-appell</u>**

"Is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti jidher li ġiet affetta totalment mill-fatt illi preċedentement kien hemm kawża oħra '*Buxom Poultry Limited vs Kummissarju tal-Artijiet*' deċiża in Prim Istanza (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Diċembru 2010 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Novembru 2011 u jiġi ulterjorment sottomess illi l-argumenti mressqa mill-esponenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha qishom saru għalxejn.

"Illi l-esponenti ma tantx għandha wisq xi żżid ma' dak li ntqal fin-Nota ta' Sottomisjonijiet tagħha u għalhekk dawn qed jiġu replikati *in toto* iktar 'il quddiem f'dan l-appell għall-konsiderazzjoni umli ta' din l-Onorabbli Qorti.

"Pero' qabel ma l-esponenti jidħol f'dawn is-sottomissjonijiet, l-esponenti jrid jaċċenna s-segwenti fatturi oħra:

"1. Dwar id-dritt tal-esponenti li jressqu x-xhieda u r-rikors għaż-żieda fil-kawżali.

"Huwa inkredibbli illi f'kawża ta' din in-natura, il-Qorti dehrilha illi taddotta *a blinkered view* li assolutament ma riditx tisma' l-ebda wieħed mix-xhieda mitluba mill-esponenti bħal li kieku l-każ kien ġia pre-determinat u li l-Qorti ma riditx tisvija minn dak li hi kellha f'moħħha. Dan huwa evidenti mis-sentenza nnifisha, mill-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma rrispondiet kważi xejn għall-varji sottomissjonijiet imressqa mill-esponenti u mal-fatt li ma ħallietx lill-esponenti

tressaq ix-xhieda għall-iskop minnha indikat u għall-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss ħadet konjizzjoni tar-rikors tal-esponenti fuq imsemmi.

"L-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u din l-Onorabbli Qorti huma l-ogħla istituzzjonijiet ġudizzjarji lokali u bħala tali wieħed ma jistenniex illi kawża simili tiġi ordnata u deċiża b'mod tant drastiku bħal li kieku hija kawża bil-giljottina fejn mhux talli l-atturi ma jitħallux jixhdu, talli l-unika xhud li tħallew iressqu huwa proprju l-aktar xhud li se jixhed kontrihom.

"Illi apparti dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti bħala Qorti in Prim Awla għandha wkoll ġurisdizzjoni oriġinali f'kulma għandu x'jaqsam ta' indoli kostituzzjonali. Fi kwalunkwe kawża pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, jekk iqum xi punt ta' tali indoli, hija stess għandha ġurisdizzjoni oriġinali u hija vestita mil-liġi sabiex proprju tinvestiga u tepura din il-materja.

"Fil-każ odjern, l-esponenti tennew illi minn meta l-*ownership* tal-proprjeta' ttieħdet, id-deċiżjoni li waslet għal dan il-fatt sar mingħajr ma biss ittieħdu konsiderazzjonijiet tal-esponenti u għalhekk f'din id-deċiżjoni ma kienx hemm *equality of arms* u inoltre ġie sottomess ukoll illi r-rimedju propost quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet ma jikkostitwix wieħed xieraq, opportun, effettiv jew spedizzjuż.

"L-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet aċċenn żgħir għal dan billi qalet illi l-Bord illum huwa meqjus bħala Bord indipendenti u imparzjali u f'kull każ jekk xi ħadd iħoss li ġew leżi xi drittijiet tiegħu quddiem dan il-Bord għandu rimedju tal-appell iżda l-esponenti riedu jġibu prova, liema prova l-Qorti ma ħallithomx iġibu, illi l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet idumu l-għexieren ta' snin u inoltre, anke jekk xi ħadd iħoss li jrid jappella, biex isir appell hemm kju ta' aktar minn tliet snin u għalhekk wieħed hawn ma jistax jitkellem ta' rimedju effettiv.

"Apparti dan it-teħid u konsegwenti traslazzjoni ta' *ownership* iseħħ *ipso facto* mal-publikazzjoni fil-gażżetta tal-Gvern – dan huwa teħid ta' proprjeta` mingħajr ebda smiegħ – aħseb u ara kemm hu smiegħ xieraq – Dan il-punt ma jistax jiġi epurat mill-Bord.

"2. Poteri u ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet

“L-ewwel Onorabbli Qorti wkoll qalet illi l-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet għandu dritt jiddikjara d-Dikjarazzjoni Presidenzjali nulla u bla effett. Dan assolutament m’huwiex minnhu. Il-Bord għandu l-poteri stipulati mil-liġi u ma jistax joħroġ ’il barra minn dawn il-poteri. Il-poter tal-Bord huwa biss biex jiddikjara li ma hemmx *public interest* iżda m’għandux il-poter biex jiddikjara li Dikjarazzjoni Presidenzjali hija nulla u bla effett. Mad-Dikjarazzjoni Presidenzjali jgħaddi t-titolu ta’ proprjeta` u sabiex it-titolu jirriverti lura lis-sid irid bilfors isir kuntratt jew inkella jkun hemm sentenza kostituzzjonali li tiddikjara dik id-Dikjarazzjoni bħala nulla u bla effett.

“3. Dritt ghal-kumpens

“L-ewwel Onorabbli Qorti qalet ukoll illi f’kull każ l-esponenti għandu dritt għall-kumpens. Jiġi rilevat illi l-esponenti m’huwiex qed jippretendi kumpens iżda *restitutio in integrum*. Dan m’huwiex kontemplat fil-liġi u saħansitra l-liġi tikkontempla illi anke jekk id-Dikjarazzjoni Presidenzjali tiġi dikjarata bħala mhux *in the public interest*, din xorta tibqa’ fis-seħħ u l-esponenti jkollu dritt għad-danni. Id-danni jipprospettaw magħhom il-fatt li ma jkunx hemm *restitutio in integrum* għax kieku kien ikun hemm *restitutio in integrum* il-liġi kienet tgħid hekk.

“4. Mandat ta’ Inibizzjoni

“Il-Kap. 88 jistipula illi ma jistax isir mandat ta’ inibizzjoni sabiex iżżomm lill-Awtorita` milli tieħu pussess tal-istess art. L-ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta qalet illi:

> “ma jidhirx li l-liġi qed teskludi li jistgħu jittieħdu proċeduri oħra biex il-proċess ta’ esproprju jiġi sospiż.”

“Di fatti l-*proviso* tal-**Artikolu 6(2) tal-Kap. 88** jipprovdi illi:

> “iżda l-preżentata tar-rikors skont dan is-subartikolu m’għandiex tfixkel l-issoktar tal-proċeduri ta’ esproprjazzjoni jew l-għemil ta’ kull ħaġa li tista’ ssir fuq dik l-art

skont din l-Ordinanza, f'dak iż-żmien meta r-Rikors ikun għad irid jiġi deċiż, bla ħsara għad-dritt tar-rikorrenti li jingħata kumpens f'każ li d-dikjarazzjoni tinstab li tkun mingħajr skop pubbliku."

"5. Aspetti oħra

"L-ewwel Onorabbli Qorti qalet ukoll illi f'każ simili hemm żewg rimedji, wieħed taħt il-Kap. 88 u l-ieħor taħt l-Artikolu 469(A) tal-Kap. 12. Jiġi umilment sottomess illi l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ rimedji huwa wieħed effettiv sabiex jolqot ir-rimedju kif prospettat mill-esponenti.

"Illi bl-istess raġunar tal-Onorabbli Qorti jġib kważi fix-xejn il-poter u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Prim'Awla in Sede Kostituzzjonali għax tista' tgħid illi kull każ imressaq taħt indoli kostituzzjonali jista', b'ċertu sforz ta' immaġinazzjoni jiġi inkwadrat taħt dak l-Artikolu.

"Illi l-Qorti wkoll għamlet referenza għall-kawża 'Żammit v. Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar' u qalet illi kull Tribunal amministrattiv ukoll huwa obbligat li anke jeżamina l-aspett tad-diskriminazzjoni. Ta' min jirrileva illi l-kawża 'Żammit kontra MEPA' m'għandha x'taqsam xejn mal-każ odjern. Dik il-kawża kienet kawża dwar ippjanar u kienet tikkonċerna proprju argument li ilu jitressaq sa minn meta ġiet stabbilita l-MEPA fejn bniedem kien qed isostni li kien qed jiġi diskriminat għaliex il-persuna X ingħatalu permess u b'sit u applikazzjoni identika, persuna Y ma ingħatatlux. Il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni ntużat f'dan is-sens u dan a tenur tal-prinċipju illi *all things being equal,* kulħadd għandu jiġi trattat l-istess (il-prinċipju ta' *cerimus paribus)*. Kien proprju f'dan is-sens li fil-każ Żammit vs MEPA l-Qorti għamlet referenza għall-kwistjoni tad-diskriminazzjoni.

"Fil-każ odjern, il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet ma jidħolx u m'għandux il-jedd li jidħol f'aspetti ta' indoli kostituzzjonali u lanqas huwa meqjus bħala li huwa Qorti. Saħansitra lanqas ma huwa permess għalih li jagħmel referenza kostituzzjonali u jekk tqum kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali quddiem il-Bord, il-Bord jew irid jinjorah imbagħad il-kwistjoni tiġi ventilata fi stadju ta' appell jekk ikun il-każ, jew inkella xi ħadd mill-partijiet jogħġbu, jista' jippreżenta rikors kostituzzjonali separat.

"Illi għalhekk anke hawnhekk il-Qorti kienet żbaljata billi apparti li l-Bord m'għandux il-fakulta` jidħol f'aspetti ta' diskriminazzjoni, billi dan il-poter m'huwiex mogħti lilha skont il-liġi, lanqas m'għandha l-jedd li tidħol f'aspetti ta' indoli kostituzzjonali jew li tagħmel referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jekk tqum kwistjoni simili.

"Illi għalhekk ġaladarba huwa evidenti illi anke kieku l-esponenti intavolaw ir-rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, l-istess Bord ma kienx ikollu ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi dwar il-punti kollha li jiġu sollevati, huwa evidenti li ma jagħmilx sens li l-esponenti joqgħodu jispezzettaw l-ilment tagħhom f'biċċiet żgħar, biċċa tintefa' 'l hawn u biċċa tintefa' 'l hemm, imbagħad finalment kollox jasal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

"Stabbilit il-premess, l-esponenti jista' jgħaddi għas-sottomissjonijiet ulterjuri kif fuq spjegat.

"**<u>Aggravji ulterjuri mressqa fl-appell</u>**

"Illi l-intimati qed isostnu li l-esponenti naqsu li jużufruwixxu mir-rimedju kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Kap. 88 li jgħid hekk:

> ""6. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ħadd m'għandu jitlob prova tal-iskop pubbliku msemmi fl-Artikoli 3 u 4 u fl-Artikolu 8(1) minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.
>
> "(2) Kull persuna li għandha interess fl-art li dwarha tkun saret dikjarazzjoni mill-President kif imsemmi fis-subartikolu (1), tista' tikkontesta l-iskopijiet pubbliċi ta' dik id-dikjarazzjoni quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-imsemmi Bord fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u li japplikaw għas-smiegħ tal-kawżi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, inklużi d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw appelli minn dawk id-deċiżjonijiet, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-deċiżjoni dwar l-imsemmi rikors:

"""Iżda l-preżentata ta' rikors skont dan is-subartikolu m'għandhiex tfixkel l-issoktar tal-proċeduri ta' esproprjazzjoni jew l-għemil ta' kull ħaġa li tista' ssir fuq dik l-art skont din l-Ordinanza, f'dak iż-żmien meta r-rikors ikun għad irid jiġi deċiż, bla ħsara għad-dritt tar-rikorrent li jingħata kumpens f'każ illi d-dikjarazzjoni tal-President tinstab li tkun mingħajr skop pubbliku."

"(3) L-awtorita` kompetenti għandha sa mhux aktar tard minn erbat ijiem wara l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta twaħħal kif jidhrilha xieraq u jekk ikun fiżikament possibbli avviż ta' dik id-dikjarazzjoni fuq l-art li dwarha tkun inħarġet dik id-dikjarazzjoni."

"Inoltre, l-esponenti jħoss li jkun relevanti li l-Qorti eventwalment tagħmel aċċenn għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-istess Kapitolu 88 li jipprovdi hekk:

"7. L-awtorita` kompetenti tista' titratta u tiddisponi minn art akkwistata minnha b'dak il-mod u suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet kif jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-interess jew qadi tal-pubbliku."

"Inoltre l-esponenti jagħmel referenza wkoll għall-Artikolu 22(8) tal-Kap. 88 li jiddisponi hekk:

""22. (8) Hekk kif issir id-Dikjarazzjoni mill-President skont din l-Ordinanza li xi art għandha tkun akkwistata bix-xiri assolut tagħha, il-proprjeta` assoluta ta' dik l-art li dwarha tkun tirreferixxi d-dikjarazzjoni għandha titqies li tkun *area* ta' reġistrazzjoni għall-finijiet tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet u l-proprjeta` assoluta ta' dik l-art għandha bis-saħħa ta' din l-Ordinanza u mingħajr ebda assikurazzjoni jew formalita` oħra, tkun trasferita lejn u tkun akkwistata mill-awtorita` kompetenti libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ u bil-pertinenzi kollha tagħha, u l-awtorita` kompetenti għandha tara li dik l-art tiġi reġistrata fir-Reġistru tal-Artijiet f'isimha skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, u dan fi żmien tliet xhur mill-ħruġ tad-Dikjarazzjoni tal-President."

"Illi l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati hija mpernjata fuq dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li filwaqt li tipprovdi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna li tallega leżjoni ta' xi dritt fondamentali, l-istess artikolu jipprovdi hekk:

"... iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."

"Illi fuq dan l-aspett l-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet **'George Scerri et v. L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar'** rikors 45/2009 deċiża fl-1 ta' Frar 2011 li qalet hekk:

""Illi meta, bħal f'dan il-każ, quddiem din il-Qorti titqajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent ikun naqas li jinqeda' minn rimedju ordinarju qabel ma jkun għadda biex iressaq kawża "kostituzzjonali", il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ huma dawk li f'bosta sentenzi ssemmew u tfissru b'mod eżawrjenti. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2005, fil-kawża **Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**[3], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri f'deċiżjonijiet li ngħataw dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjonijiet[4];

"Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[5]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[6]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

"Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta waħda jibqagħlha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjonali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[7]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li,

---

[3] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[4] Kost. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et** (Rik. Kost. 44/06) u Kost. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Xuereb v Helen Milligan et** (Rik. Kost. 44/08) fost l-oħrajn

[5] Ara Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet **Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[6] P.A Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet **Clifton Borg v Kummissarju tal-Pulizija** (mhix pubblikata)

[7] P.A Kost. VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet **Victor Bonavia vs L-Awtorita` tal-Ippjanar et** (mhix pubblikata)

kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[8];

"Illi l-Qorti tifhem u tapprezza wkoll li l-fatt li xi għamil jew nuqqas ta' għamil iġib miegħu wkoll ksur ta' jedd fundamentali, ma jkunx ifisser li r-rimedju li għandu jingħata jkun ta' bilfors wieħed taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni[9]. Dan wkoll għandu jkun element li jqiegħed dmir fuq din il-Qorti biex tqis sewwa (u fl-istadju bikri li tkun neċessarjament għadha tinsab fih il-kawża meta tiġi biex tqis jekk kemm-il darba għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' l-każ) jekk kemm-il darba jeżistix tassew rimedju mod ieħor lir-rikorrent jekk mhux b'azzjoni bħal din;"

"Kif sewwa ntqal fis-sentenza fuq ċitata, l-oneru tal-prova meta titqajjem eċċezzjoni simili hija fuq l-intimati. L-intimati in sostenn ta' dan qegħdin jagħmlu referenza għal rimedju kif stipulat fl-Artikolu 6 tal-Kap. 88.

"L-esponenti filwaqt li jaqblu illi huma ma ntavolawx proċeduri taħt l-imsemmi artikolu. Jissottomettu bir-rispett li dan ir-rimedju m'huwiex rimedju aċċessibli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat.

"<u>Rimedju mhux qiegħed aċċessibli</u>

"Ir-rimedju stipulat fl-Artikolu 6, huwa aċċessibli biss fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali fil-Gażżetta tal-Gvern. Il-Gażżetta tal-Gvern m'hijiex gażżetta li jixtriha kulħadd u għalhekk wieħed ma jistenniex illi l-pubbliku in ġenerali joqgħod jordna u jixtri l-Gażżetta tal-Gvern biex jara' jekk xi art minn tiegħu ġietx esproprijata jew le.

"Il-fatt li t-terminu stipulat fil-liġi jiskatta mid-data tal-publikazzjoni tal-Gażżetta tal-Gvern jirrendi fix-xejn ir-rimedju li huwa prospettat għaliex fil-fatt ftit huma n-nies li jaqraw il-Gażżetta tal-Gvern u ma jistax jingħad li rimedju stipulat fil-liġi jitqiesx bħala rimedju xieraq jew aċċessibli partikolarment billi l-individwu jew individwi konċernati fl-ebda ħin ma jiġu informati bl-eżistenza tal-esproprju.

---

[8] Ara, f'dan ir-rigward Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet **McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.268)**; u Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar et** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.48**)

[9] Ara b'eżempju, P.A (Kost) JZM **30.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet **Maria Attard vs Policy Manager tal-Malta Shipyards (vide wkoll** "Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali" fis-7 ta' Marzu 1994)

“Dan m’huwiex il-każ ta’ xi ħadd li għandu xi kawża għaddejja, tingħata sentenza (fil-pubbliku fid-differiment li jkun ġia` jaf bih minn qabel) u mbagħad ikollu d-dritt ta’ għoxrin ġurnata biex jappella.

“Dan qisu każ ta’ xi ħadd li tilef kawża mingħajr biss ma jaf li saret u mingħajr ma jiġi informat bis-sentenza. Dan għandna sitwazzjoni fejn ikun qed isir xi xogħol amministrattiv mingħajr l-ebda involviment tas-siddien konċernati u addirittura jsibu li r-rimedju li seta’ kellhom intilef mingħajr ma biss ma kellhom l-opportunita` raġjonevoli li jkunu jafu biha.

“Fil-każ odjern, apparti l-fatt li ż-żmien ta’ wieħed u għoxrin ġurnata ma jistax jitqies bħala żmien raġjonevoli, il-fatt illi dan it-terminu jiskatta mid-data ta’ pubblikazzjoni tal-Gażżetta tal-Gvern (għax fil-każ odjern hija dik il-gażżetta biss li ssemmgħiet li fiha saret il-pubblikazzjoni) ma jistax jingħad li dan ir-rimedju huwa wieħed aċċessibli.

“F’din il-kawża l-Kummissarju tal-Artijiet kiteb lil Transpac Limited. Transpac Limited lanqas biss ma hija s-sid tal-proprjeta`. Hija rceviet l-ittra u fl-ittra intalbet biss biex tipprovdi parir ta’ avukat dwar it-titolu tal-istess proprjeta`. Fl-ebda ħin ma kien hemm aċċenn illi ġaladarba l-Kummissarju tal-Artijiet kien jaf li l-esproprju kien qed isir fl-interess ta’ terzi, li l-persuna lil min id-Dipartiment qed jikteb tindikalu li għandu r-rimedju li jikkontesta tali deċiżjoni. L-ittra li bagħat il-Kummissarju tal-Artijiet kienet għalhekk *misleading* u ċertament wieħed ma jistenniex li d-Dipartiment tal-Gvern li huwa marbut anke mill-kodiċi tal-etika tiegħu li jkun eżempju ta’ dak li jikkostitwixxi *good administration*, li jdaħħal lil nies f’nasba simili. Apparti dan huwa evidenti illi l-ittra li ntbagħtet mill-Kummissarju tal-Artijiet ma ntbagħtitx lis-sidien iżda ntbagħtet lill-okkupant tal-proprjeta`.

“Is-sidien huma r-rikorrenti l-oħra f’din il-kawża u fl-ebda ħin ma ġew avżati jew informati mill-Kummissarju tal-Artijiet dwar l-espropriju inkwistjoni. Illi għalhekk wieħed ma jistax jitkellem dwar rimedju li huwa aċċessibli vis-à-vis is-sidien.

“<u>Transpac m’hijiex is-sid</u>

"Illi apparti dan, fir-rigward tas-soċjeta` Transpac, din m'hijiex is-sid u għalhekk hija m'għandha l-ebda rimedju taħt il-Kapitolu 88. Ir-rimedju taħt il-Kapitolu 88 huwa aċċessibli biss għas-sidien u ġaladarba Transpac m'hijiex is-sid, lanqas ma jista' jingħad li dan ir-rimedju huwa *available* għat-Transpac.

"Rimedju li mhux effikaċi, effiċjenti u ma jindirizzax l-aspetti kollha

"Apparti li r-rimedju m'huwiex wieħed aċċessibli, jiġi wkoll sottomess illi r-rimedju m'huwiex wieħed effikaċi. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6, 7 u 22(8) tal-Kap. 88, mill-mument li toħroġ Dikjarazzjoni Presidenzjali u tiġi ppubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern l-*ownership* tal-proprjeta` tgħaddi favur il-Gvern. Biex ħareġ l-imsemmi Avviż, il-Kummissarju tal-Artijiet ikkomunika biss mat-terzi, cioe` ma' Transport Malta u ma' Bonello u fl-ebda ħin ma ntenta li jikkomunika direttament mas-sidien. Huwa qabat, sema' qanpiena waħda u esproprja l-art u ħadha. F'dak il-mument kien hemm deċiżjoni li permezz tagħha ttieħdet il-proprjeta` u ġaladarba l-proprjeta` ttieħdet mingħajr ebda forma ta' konsultazzjoni u diskussjoni jew almenu smiegħ tal-esponenti, jiġi umilment sottomess illi f'dak il-mument, kien hemm teħid tal-proprjeta` tal-esponenti mingħajr ma biss ma l-esponenti ngħataw opportunita` illi jippreżentaw il-veduti tagħhom.

"Min kien qed jipprova jagħmel l-att kien qed jagħmilha wkoll ta' ġudikant u fl-istess ħin ma semgħax lill-parti l-oħra.

"Dan huwa abbuż serju tad-drittijiet fundamentali stante l-fatt illi l-proprjeta` ġia` ttieħdet mingħajr biss ma kien hemm smiegħ, wisq inqas ma kien hemm smiegħ xieraq.

"Illi r-rimedju indikat mill-intimat fil-Kap. 88 bl-ebda mod ma jindirizza dan l-ilment u għalhekk ma jistax jingħad li dan huwa rimedju effettiv.

"Apparti dan, ir-rimedju stipulat fil-Kap. 88 fl-Artikolu 6 u 7, jipprovdi espressament illi anke jekk għal grazzja tal-argument wieħed kellu jipproċedi taħt id-dispożizzjonijiet tal-istess artikoli tal-liġi, xorta waħda dan ma jżommx il-proċess tal-esproprju u l-liġi espressament tipprovdi dwar dan u għalhekk

m'huwiex konsentit li jsir xi forma ta' mandat ta' inibizzjoni u jekk isir hekk dan ikun qed imur proprju kontra dak li hemm dispost fil-liġi.

"L-unika mod li jista' jiġi mwaqqaf *(frozen)* il-process tal-esproprju u t-teħid fiżiku tal-proprjeta` u r-reġistrazzjoni ta' dan fil-Land Registry huwa permezz ta' rimedju proviżorju taħt proċeduri kostituzzjonali u l-ebda mod ieħor – kif fil-fatt sar.

"Minn barra dan, ir-rimedju stipulat fil-Kap. 88 ma jipprovdiex illi d-Dikjarazzjoni Presidenzjali tiġi dikjarata nulla u bla effett u li l-art tiġi mogħtija lura lill-individwu konċernat. Jipprovdi biss illi l-individwu konċernat ikollu rimedju għad-danni u dan ifisser illi l-art xorta tittieħed iżda biss li l-individwu konċernat ikollu jieħu d-danni – pero` l-art jitlifha bid-differenza li minbarra l-prezz jieħu wkoll id-danni.

"Apparti dan, il-gurisdizzjoni u l-poteri tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet huma poteri ristrettivi u limitati mhux bħalma huwa l-każ tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili partikolarment meta tkun qegħda taħdem fil-vesti kostituzzjonali. Jekk il-liġi speċjali ma tipprovdiex dwar il-ġurisdizzjoni u l-poteri tal-istess Bord, dan il-Bord ma għandux il-jedd li jassumihom. Il-liġi tipprovdi biss li l-Bord għandu l-poter jiddikjara li d-Dikjarazzjoni Presidenzjali ma tkunx saret f'interess pubbliku. Fl-ebda ħin ma tipprovdi li l-Bord jista' jħassar jew jannulla l-istess Dikjarazzjoni Presidenzjali u fl-ebda ħin ma l-istess liġi tipprovdi li l-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet għandu l-poter li jordna li l-Kummissarju tal-Artijiet jiġi żgumbrat u li l-proprjeta` tiġi restitwita *in integrum*. Addirittura anzi l-liġi tipprovdi biss li l-individwu għandu dritt għal danni u xejn iktar. Fejn il-liġi ma tipprovdiex, dan ma jistax jiġi assunt.

"Fil-każ odjern, ir-rimedju mitlub mill-esponenti huwa li:

"1. Tħassar jew tannulla u/jew tannulla d-Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq imsemmija – <u>aġir li l-Bord tal-Arbitraġġ m'għandux il-jedd li jagħmel</u>;

"2. Tagħti kull ordni u rimedju proviżorju *pendente lite* – <u>ordni u rimedji li l-Bord tal-Arbitraġġ ma jistax jagħmel</u>;

"3. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħalsu kumpens xieraq u adegwat biex jagħmlu tajjeb għal-leżjoni sofferta kompriżi d-danni morali u danni materjali – għar-rigward tad-danni morali, il-Bord tal-Arbitraġġ m'għandux il-jedd li jagħtihom.

"Illi apparti dan, l-esponenti jissottometti in linea ġenerali illi l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet m'humiex rimedju effettiv u effikaċi. Huwa ben magħruf illi dawn il-proċeduri jieħdu s-snin sabiex jiġu mismugħa u deċiżi u minn sempliċi eżami tal-istatistika tal-istess Bord wieħed isib numru sostanzjali ta' każijiet li ilhom pendenti għexieren ta' snin.

"Mill-banda waħda għandna sitwazzjoni fejn:

- "Fi żmien erbatax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali l-Kummissarju tal-Artijiet għandu l-jedd li jidħol fl-istess proprjeta`; u

- "Di fatti fil-każ odjern fid-29 ta' Jannar 2012, l-istess Kummissarju tal-Artijiet ta l-permess lil Bonello sabiex jidħol fl-istess proprjeta`.

"Mill-banda l-oħra mbagħad għandna sitwazzjoni fejn:

- "Min qed jipprova jattakka l-interess pubbliku tal-istess Dikjarazzjoni ma jistax jagħmel mandat ta' inibizzjoni.

- "Jekk jippreżenta rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet b'riżultat li tali proċeduri jdumu l-għexieren ta' snin biex jiġu determinati.

- "Sa dan it-tant il-Gvern jista' jidħol u jagħmel li jrid fil-proprjeta`.

- "Mad-dikjarazzjoni, il-Gvern awtomatikament isir is-sid.

"L-esponenti talab li f'dawn il-proċeduri jressaq bħala xhud lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jippreżenta statistika dwar kawżi pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet iżda din it-talba ġiet miċħuda u għalhekk f'dan l-istadju l-esponenti jitlob li din il-Qorti tieħu *judicial cognisance* ta' dan il-fatt fejn hemm sitwazzjoni illi apparti li l-kawżi nfushom idumu biex jiġu deċiżi, il-Kummissarju tal-Artijiet konsistentement qiegħed jappella minn dawn id-deċiżjonijiet, meta

dawn jingħataw, u l-*waiting time* sabiex l-appelli jiġu appuntati għas-smiegħ huwa minimament wieħed ta' tliet snin. Ċertament għalhekk wieħed ma jistax jitkellem bħala rimedju effikaċi. F'dan is-sens vide **Saliba and Others vs Malta** Application 20287 deċiża fit-22 ta' Novembru 2011 fejn il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali rribadiet li n-*non exhaustionrule* tapplika biss jekk ir-rimedju altenattiv ikun wieħed aċċessibli u effettiv u saħansitra wasslet għall-konklużjoni li anke rimedju kostituzzjonali mhux neċessarjament jikkwalifika bħala tali (para 78).

"<u>Proċeduri quddiem l-LAB dwar il-kumpens m'humiex rimedju effettiv</u>

"Illi jekk l-espropriju jibqa' fis-seħħ l-esponenti jkollu jikkontesta l-kumment offrut quddiem il-Bord Dwar Arbitraġġ dwar Artijiet (LAB). Tali proċeduri ta' espropriju fihom innifishom m'humiex rimedju effettiv u għalhekk din il-Qorti għandha mhux biss id-dritt iżda anke l-obbligu biex teżamina u tiddeċiedi jekk b'riżultat tad-deċiżjoni tagħha hija stess tkun qed tagħlaq it-triq għall-esponenti li jfittxu u jingħataw il-ġustizzja dwar l-ilment tagħhom.

"Il-kumpens li jingħata fil-proċeduri ta' esproprju huwa relatat mal-valur tal-art iżda ma jittieħidx kont tal-fatt illi l-art inkwistjoni fil-fatt m'hijiex sempliċi art iżda hija parti sostanzjali ta' *warehouse* u għalhekk jekk din tittieħed, apparti li ser ikun hemm xogħol ta' demolizzjoni, wieħed irid jara jekk tali xogħol jistax isir mingħajr ma jikkawża ħsarat ulterjuri. Is-soqfa tal-binja inkwistjoni huma tal-*prestressed concrete* u għalhekk jekk dawn jinqatgħu jiġu kompromessi. Mill-istima li saret ma ttieħed l-ebda kont ta' dan ix-xoghol u apparti l-fatt illi l-*warehouse* huwa mimli affarijiet u sakemm isiru x-xogħlijiet il-*warehouse* kollu jkollu jitbattal, irid ikun hemm it-trasport, *insurance* ghall-affarijiet, il-post fejn jinħażnu sakemm jitlesta' x-xogħol irid ikun wieħed adegwat, meta jsir il-bini l-ġdid trid terġa' tgħaddi sistema tal-elettriku u jridu jsiru diversi xogħlijiet ċivili li jmorru ferm ferm oltre s-sempliċi valutazzjoni tal-*footprint* tal-proprjeta` li l-Gvern qed jipprova jieħu.

"Apparti dan, huwa ben magħruf li l-proċeduri quddiem l-LAB huma *combersome* u jdumu s-snin u dan *multo magis* jekk ikun hemm eventwali appell. Ma hemm ebda *equality of arms* billi mill-banda 'l waħda l-proprjeta` tittieħed mill-ewwel u mill-banda l-oħra l-povri sidien isibu ruħhom f'pożizzjoni infeliċi fejn, stante li l-Gvern notorjament ma joffrix kumpens xieraq, jkollu jiftaħ kawża għas-spejjeż tiegħu, jirriskja li jeħel parti mill-ispejjeż, ma jiġix kompensat b'mod xieraq dwar l-interessi u jekk eventwalment isir il-kuntratt, lanqas ma jitħallas l-avukat li jassistih fuq il-kuntratt minkejja l-komplessita` tas-sitwazzjoni.

"Il-Gvern ikun moqdi filwaqt li ċ-ċittadin għadu jikkombatti, b'leġislazzjoni li hija imfassla favur il-Gvern, kontinwament joħroġ il-flus u dan kollu minħabba l-privileġġ li l-povru individwu kellu li l-Gvern "għamillu pjaċir" u esproprijalu ħwejġu. L-*equality of arms* kif intiża fl-Artikolu 6 ma teżistix f'dawn il-każijiet u issa l-intimati qed isostnu li l-esponenti għandhom jużufruwixxu minn rimedju (jekk tista' issejjaħlu hekk) fejn hemm żbilanċ kbir kontra l-individwu.

"Dawn l-aspetti ma jiġux konsiderati fil-proċess tal-esproprju u għalhekk kollox ma' kollox jiġi umilment sottomess illi meta wieħed jiżen il-piż li se jiġi mitlub biex iġorr is-sid u l-kumpanija Transpac vis-à-vis il-*public gain,* f'dan il-każ m'hu *public* xejn għaliex huwa interess privat, ma jiġix sodisfatt il-bilanċ rikjest sabiex jiġi miżmum il-*public interest* kif konsentit fl-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Kap. 319.

"<u>Ġurisdizzjoni tal-LAB</u>

"Il-Bord tal-Arbitraġġ ma jidħolx f'dan il-kwistjonijiet meta jevalwa l-interess pubbliku billi m'għandux il-ġurisdizzjoni li jidħol f'aspetti ta' indoli kostituzzjonali u lanqas għandu l-fakulta` li jagħmel referenza kostituzzjonali meta jitqajjem xi punt quddiemu. Illi għalhekk jekk jitqajjem argument li jmur oltre dak li jista' jidħol fih il-Bord, l-istess Bord jista' biss jordna jew jissuġġerixxi lil xi parti li bi ħsiebha tistrieħ fuq tali argument li jitressaq rikors kostituzzjonali apparti biex b'hekk imbagħad iċ-ċirku jdur dawra sħiħ fejn:

"i. L-ewwel nibdew bi proċeduri quddiem l-LAB biex

"ii. Imbagħad l-istess LAB tibgħat lill-partijiet biex jagħmlu rikors kostituzzjonali

"iii. Biex b'hekk wieħed ikun dar dawra sħiħa u ma wasal imkien u b'hekk ikun reġa' gie *back to square one* u cioe` li jagħmel rikors kostituzzjonali mill-ewwel minflok ma joqgħod jaħli l-ħin u jmur quddiem l-istess Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet.

"**<u>Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali</u>**

"**<u>Illi dan ir-rikors huwa relattiv għal-konklużjonijiet raġġunti mill-Qorti Kostituzzjonali senjatament il-paragrafi 30, 31, 35 u 41 u l-argumenti relattivi għalihom liema paragrafi huwa hawn riprodotti kif ukoll li s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti billi meta l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat x'inhuma l-aggravji tal-esponenti fil-para 11 ma nkludietx l-aggravji kollha:</u>**

""(11) Illi fis-suċċint, l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti fis-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma ħalliethomx iressqu x-xhieda mitluba minnhom; u li ma kellhomx l-opportunita` li jiġu mismugħa, avolja dan kien każ ta' teħid ta' proprjeta`; (2) li l-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet [il-Bord] hija limitata b'mod li ma jistax jagħti rimedju effettiv; (3) li l-Bord ma jistax jagħti rimedju xieraq, stante li r-rimedju li jista' jagħti huwa limitat għal wieħed ta' kumpens; (4) li l-provisio tal-Artikolu 6[2] jeskludi l-att kawtelatorju tal-mandat ta' inibizzjoni bħala mezz sabiex jiġu sospiżi x-xogħlijiet minn li jkunu qed isiru fl-art esproprijata.

"... ...

"(30) Illi riżultat tan-nuqqas tal-element tal-iskop pubbliku, u tal-konsegwenzjali dikjarazzjoni ta' nullita` tad-dikjarazzjoni presidenzjali, il-proprjeta` tirriverti għand l-applikant u għalhekk ikun hemm *restitutio in integrum*,

flimkien ma' l-għoti tal-kumpens għax-xogħlijiet li jkunu saru magħtul il-proċeduri quddiem il-Bord.

"... ...

"(31) Illi l-appellanti jissottomettu wkoll li rikors quddiem il-Bord ma jikkostitwix rimedju effettiv, stante li skont huma, il-proċeduri "jdumu l-għexieren ta' snin". Dan l-argument għall-finijiet tal-vertenza in diżamina huwa *non-starter* u ma jistax jitqiegħed bħala raġuni valida biex l-appellanti jiskartaw ir-rimedju ordinarju espressament provdut mil-liġi u jmorru mall-ewwel quddiem din il-Qorti. Għandu jirrizulta ċar li fil-każ li proċeduri jieħdu żmien aktar minn dak li huwa raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi, l-appellanti xorta jibqalgħom impreġudikat id-dritt li jadixxi lil din il-Qorti għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom għal smiegħ fi żmien raġjonevoli.

"... ...

"(35) Fir-rigward il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti, fis-sens li l-proviso fuq ċitata b'mod ċar tgħid li r-rikors li jiġi ppreżentat quddiem il-Bord skont l-Artikolu 6(2), ma jfixkilx l-issoktar tal-proċeduri ta' esproprijazzjoni, iżda ma teskludix il-miżura ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħala att kawtelatorju sabiex twaqqaf ix-xogħlijiet li jkunu ser isiru fil-fond soġġett tal-espropriju.

"... ...

"(41) Illi fil-każ in diżamina, għalkemm, kif fuq indikat, ir-rikorrenti kellhom fil-liġi rimedju xieraq u effettiv biex jikkontestaw il-fattur tal-iskop pubbliku li hu element essenzjali għall-validita` legali tal-esproprju, dan m'għamluhx. Għalhekk mhuwiex legalment konsentit li issa jressqu lment kostituzzjonali dwar diskriminazzjoni, u dan peress li jonqos l-element tal-interess ġuridiku, substratt essenzjali, għall-validita` tal-proċeduri ġudizzjarji. Dan l-element kien ikun ukoll manifestament mankanti li kieku r-rikorrenti kkontestaw b'suċċess l-element tal-iskop pubbliku quddiem il-Bord, iżda dan m'għamluhx u b'hekk aċċettaw il-validita` legali tal-esproprju. Altrimenti, ikun qed jiġi stultifikat kull rimedju legalment validu fil-liġi provdut mil-liġi ordinarja kemm-il darba jiġi permess li persuna tistitwixxi proċeduri kostituzzjonali, li fihom infushom huma ta' natura straordinarja, mingħajr ma qabel tirrikorri għal dawk il-proċeduri ordinarji li jistgħu jagħtuh rimedju effettiv u adegwat għal-lanjanza ordinarja tiegħu."

"Illi dwar paragrafu 30 dan huwa manifestament żbaljat u jmur proprju kontra dak li hemm dispost fl-Art. 6 tal-Kap. 88. Taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi l-Bord għandu biss il-poter li jiddeċiedi jekk hemmx interess pubbliku jew le. Il-Bord m'għandux il-poter li jħassar jew jannulla d-dikjarazzjoni presidenzjali jew l-effetti tagħha.

"Illi dwar il-paragrafu 31 din il-konklużjoni tmur proprju kontra l-prinċipji kollha r-*raison d'etre* tad-drittijiet fundamentali kif kawtelati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Qorti kkonkludiet li ċ-ċittadin l-ewwel ried tħalli li ssir il-leżjoni u mbagħad jmur jilmenta wara. Fil-każ odjern l-esponenti riedu jagħmlu prova li r-rimedju quddiem il-Bord mhux rimedju xieraq għal varji raġunijiet u mhux biss minħabba d-dewmien. Huma ma tħallewx jagħmlu din il-

prova. Dan huwa ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq kif regolat fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni fl-artikoli fuq ċitati.

"Dwar il-paragrafu 35 il-konklużjoni raġġunta mill-Qorti Kostituzzjonali hija dijametrikament opposta għad-dispożizzjoni espressa fil-proviso tal-Art. 6 tal-Kap. 88 li tgħid espressament *"shall not hinder"*. Dan juri biċ-ċar li proċeduri li jekk ikun hemm *"hinderance"* minħabba li jkunu saru proċeduri taħt l-Art. 6 dan jkunu qed isiru kontra l-liġi.

"Dwar il-paragrafu 41, ir-raġunament tal-Qorti Kostituzzjonali ma jsegwix. Hija konkludiet li ġaladarba ma saritx kontestazzjoni taħt l-Art. 88, dan jekwivali għal adezjoni u li konsegwentement l-esponenti tilfu l-interess ġuridiku tagħhom. Fuq dan l-aspett jingħad li l-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet mhux Qorti u meta tqum kwistjoni ta' indoli Kostituzzjonali quddiem organu simili lanqas biss ma tista' ssir referenza Kostituzzjonali – trid issir kawża *ad hoc*. Il-Bord m'għandux il-ġurisdizzjoni li jidħol f'materja simili u għalhekk kif tista' titkellem fuq rimedju xieraq jekk il-kwistjoni tiġi spezzatatta 'l hawn u 'l hemm minflok ma tiġi indirizzata quddiem organu ġudizzjarju wieħed.

"Illi apparti dan, ma ġewx indirizzati l-aggravji kollha sollevati u cioe` li r-rimedju taħt l-Art. 88 ma jistax jitqies bħala rimedju aċċessibbli, li s-soċjeta` Transpac m'hiex is-sid u rimedju taħt l-Art mhux aċċessibbli għaliha, li r-rimedju mhux effikaċi, effiċjenti u l-Proċeduri quddiem l-LAB dwar il-kumpens m'humiex rimedju effettiv u li t-teħid u konsegwenti traslazzjoni ta' *ownership* saret mal-mument tal-Pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni Presidenzjali u d-deċiżjoni relattiva ttieħdet mingħajr l-involviment tal-esponenti – u dan apparti l-fatt jekk saritx *in the public interest* jew le.

"Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli jogħġobha:

"1. tħassar u tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet premessi fil-31 ta' Mejju 2013 billi din tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Art 811(i)[10] u jew (l) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"2. Tordna li l-appell interpost mill-esponenti fuq imsemmi fil-kawża fl-ismijiet premessi jiġi mismugħ mil-ġdid għal finijiet u effetti kollha tal-liġi.

"Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni";

[10] *Recte:* 811(e)

Rat ir-Risposta mressqa mill-intimati appellati fit-23 ta’ Settembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet fiha mfissrin, laqgħu billi qalu li r-rikors tar-ritrattazzjoni ma jiswiex għaliex ma jħarisx dak li titlob il-liġi fl-artikolu 816 tal-Kap 12 dwar x’imissu jkun fih rikors bħal dak. Fil-mertu, qalu li ma hemm l-ebda raġuni tajba għar-ritrattazzjoni kif allegat mir-ritrattand *proprio* u *nomine*. Minħabba li bħala waħda mill-kawżali għat-talba tagħhom għat-tħassir tas-sentenza r-rikorrenti indikaw dispożizzjoni tal-artikolu 811 minflok oħra, l-intimati ritrattati ressqu l-pożizzjoni tagħhom dwar dik id-dispożizzjoni[11]. Dwar il-kawżali l-oħra maħsuba fl-artikolu 811(l), jgħidu li f’dan il-każ ma kienx hemm l-ebda żball li jista’ jwassal għat-tħassir tas-sentenza kif huwa mfisser fl-istess dispożizzjoni tal-liġi;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta’ Ottubru, 2013[12] li fih l-għaref difensur tar-rikorrenti talab ir-rikuża tat-tliet imħallfin li kienu qegħdin jippresjiedu s-smigħ u d-degriet mogħti minn din il-Qorti waqt dak is-smigħ li tatu żmien biex iressaq Nota biex jindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi huwa kien qiegħed iressaq dik it-talba;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fid-9 ta’ Ottubru, 2013;

[11] Minkejja dan, ir-ritrattati ngħataw il-fakulta’ li, waqt it-trattazzjoni tal-appell, jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-kawżali t-tajba, jiġifieri l-art. 811(e) tal-Kap 12
[12] Paġ. 104 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni

Rat il-provvediment mogħti minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2013[13], illi bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti għar-rikuża tal-imsemmija mħallfin;

Rat is-surroga tad-29 ta' Novembru, 2013[14], li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa kostitwita;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2013;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-3 ta' Marzu, 2014 (reġistrata u traskritta)[15];

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din il-kawża tirrigwarda lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti jqisu li t-teħid b'esproprjazzjoni min-naħa tar-ritrattat Kummissarju tal-Artijiet

[13] Paġġ. 108 – 9 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni
[14] Paġ. 110 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni
[15] Paġġ. 113 sa 124 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni

ta’ art u bini tagħhom ġabilhom ksur tal-jedd tagħhom li jgawdu ħwejjiġhom fil-kwiet [Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”)], u tal-jedd tagħhom li ma jġarrbux trattament diskriminatorju (Art. 14 tal-Konvenzjoni);

Illi għall-azzjoni mibdija mir-rikorrenti fl-1 ta’ Frar, 2012, l-intimati ritrattati laqgħu billi, fost l-oħrajn, qalu li r-rikorrenti kienu naqsu li jinqdew bir-rimedji “ordinarji” mogħtijin lilhom mil-liġi u għalhekk il-Qorti kien imissha tqis jekk kemm-il darba kellhiex twettaq id-diskrezzjoni tagħha li tagħżel li ma tismax il-każ imressaq quddiemha, skond kif irid il-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 jew il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta;

Illi b’sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-12 ta’ Ottubru, 2012[16], dik il-Qorti, għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni u għażlet li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma’ l-kawża għar-raġuni li r-rikorrenti ma kinux inqdew bir-rimedji li tagħtihom il-liġi;

[16] Paġġ. 89 sa 100 tal-proċess

Illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2013[17], fuq appell mir-rikorrenti, dik is-sentenza kienet konfermata għal kollox, u l-appell tar-rikorrenti miċħud bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Illi bil-proċedura tal-lum, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu t-tħassir tal-imsemmija sentenza tal-31 ta' Mejju, 2013, u s-smigħ mill-ġdid tal-appell imressaq minnhom (fil-31 ta' Ottubru, 2012) mis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2012, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);

Illi l-ewwel osservazzjoni li għandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[18]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindente* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

[17] Paġġ. 50 sa 60 tal-inkartament tal-appell
[18] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***

Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, l-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi[19];

Illi wara li l-Qorti għamlet dawn l-osservazzjonijiet u qabel ma tgħaddi biex tqis iż-żewġ kawżali li fuqhom ir-rikorrenti jsejsu t-talbiet tagħhom, jeħtieġ li l-Qorti tindirizza l-"eċċezzjoni" proċedurali[20] mqajma mir-ritrattati intimati dwar **is-siwi tar-rikors tar-ritrattazzjoni** mressaq mir-rikorrenti. Huma jgħidu li l-mod kif inhu mfassal ir-Rikors tar-Ritrattazzjoni, b'mod partikolari l-aħħar żewġ paġni tiegħu, ma jurix kif dak li mnnu jilmintaw ir-rikorrenti jorbot maż-żewġ kawżali li fuqhom qegħdin jitolbu li titħassar is-sentenza u jsir smigħ mill-ġdid tal-appell

[19] App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**)
[20] Ara § 7 tar-Risposta tagħhom f'paġ, 96 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni

tagħhom. L-intimati ritrattati jgħidu li dan sar bi ksur ta' dak li jitlob l-artikolu 816 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu 816 jgħid li "*Fir-rikors, ġuramentat jew le, l-attur għandu jsemmi wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka, u r-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811, u għandu jsemmi d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet. Barra minn dan, l-attur għandu jfisser, fil-qosor u biċ-ċar, il-fatti li minnhom tirriżulta kull waħda minn dawk ir-raġunijiet; u meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata*";

Illi dan l-artikolu tfisser bħala wieħed li jorbot lill-parti ritrattanda li tħares sewwa u b'reqqa dak li jitlob sabiex jiggarantixxi li l-att ġudizzjarju minnha mressaq ikun ritwali. Għall-kuntrarju, nuqqas fit-tħaris ta' l-imsemmi artikolu jaf iwassal għas-sejbien li dak l-att ma jiswiex[21];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, r-rikorrenti jistrieħu fuq żewġ kawżali: jiġifieri (i) l-applikazzjoni tal-liġi l-ħażina fis-sentenza minnhom attakkata u (ii) li s-sentenza hija l-effett ta' żball li joħroġ mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. L-intimati ritrattati jgħidu li r-rikorrenti naqsu sew milli jħarsu dak li jitlob minnhom l-artikolu 816 imsemmi. Huma iżda jillimitaw l-eċċezzjoni tagħhom

[21] Ara Merċieca *Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi* (2005), Kap 4, paġġ. 74 – 9

għall-kwestjoni tan-nuqqas ta' rabta bejn il-kontenut tal-aħħar żewġ paġni tar-rikors tagħhom u ż-żewġ kawżali li dwarhom saret it-talba għat-tħassir tas-sentenza;

Illi l-Qorti tagħraf li l-mod kif inhu mfassal ir-Rikors tar-rikorrenti ma jgħinx wisq biex wieħed jiffoka fuq dak li qiegħed jintalab jew fuq dak li dwaru jsir l-ilment dwar is-sentenza attakkata. Mill-binja tiegħu, ir-rikors promotur ta' din il-proċedura huwa replika tar-rikors tal-appell u b'żieda miegħu ta' bċejjeċ sewwa min-nota ta' sottomissjonijiet li r-rikorrenti kienu ressqu quddiem l-Ewwel Qorti. Minbarra dan, hekk kif ir-rikorrenti jaslu biex jidħlu fil-qalba tal-motivazzjoni tat-talba tagħhom għat-tħassir tas-sentenza, jagħmlu din id-dikjarazzjoni[22]: "*Illi dan ir-rikors huwa relattiv għall-konklużjonijiet raġġunti mil-Qorti Kostituzzjonali senjatament l-paragrafi 30, 31, 35 u 41 u l-argumenti relattivi għalihom liema paragrafi huma hawn riprodotti kif ukoll li s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti billi meta l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat x'inhuma l-aggravji tal-esponenti fil-par 11 ma inkludietx l-aggravji kollha*";

Illi l-Qorti tibda biex tosserva li l-paragrafi msemmija mir-rikorrenti jagħmlu kollha mill-parti deliberativa tas-sentenza attakkata u mhux mill-parti dispożitiva tagħha. Huwa aċċettat li l-bażi tar-ritrattazzjoni trid tkun dwar dak li ddisponiet is-sentenza u mhux dwar dak li l-qorti tkun argumentat biex tasal

[22] Paġ. 84 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni

għad-deċiżjoni tagħha. Il-liġi tuża l-kliem "kap" u "kapi" ta' sentenza li jintalab it-tħassir tagħha, u dawn jistgħu biss jinftiehmu bħala l-parti dispożittiva tagħha u mhux ukoll il-parti deliberativa. L-ebda ritrattazzjoni ma tħassar il-"konsiderandi" u l-proċedura ta' ritrattazzjoni ma jmisshiex tintuża għal għan bħal dak. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jorbtu l-imsemmija paragrafi tas-sentenza minnhom attakkata mal-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi. Jekk dan huwa tabilħaqq il-każ, l-artikolu 816 jagħmilha ħaġa espressa u tassattiva li l-parti ritrattanda tgħid liema kienet il-liġi li messha kienet applikata fis-sentenza attakkata. Ir-rikors tar-ritrattazzjoni huwa nieqes għal kollox minn tismija bħal din. Mhux hekk biss, iżda meta waqt it-trattazzjoni ta' dan il-punt il-Qorti staqsiet liema kienet il-liġi li r-rikorrenti jaħsbu li kellha tkun applikata, t-tweġiba lakonika tal-għaref difensur tagħhom kienet: "M'hemmx liġi li tapplika jiġifieri l-Qorti applikat liġi li ma kellhiex, applikat xi ħaġa li m'hemmx fil-liġi"[23]. Fit-tielet lok, wieħed irid jibqa' jżomm quddiem għajnejh li s-sentenza attakkata kienet tirrigwarda l-kwestjoni ta' jekk ir-rikorrenti kellhomx tabilħaqq rimedju xieraq disponibbli għalihom minflok it-teħid tal-proċedura speċjali tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali. Għalhekk, sa ċertu punt, din il-Qorti tifhem li ladarba r-rikorrenti kienu tal-fehma li ma kellhom l-ebda rimedju ordinarju li setgħu jinqdew bih, ma kenux se' jkunu huma li jissuġġerixxu liema liġi messha kienet applikabbli minflok dik li fuqha straħet il-Qorti fis-sentenza attakkata;

[23] Paġ. 116 tal-inkartament tar-ritrattazzjoni

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-eċċezzjoni tal-intimati ritrattati hija tajba, għallanqas għal dak li jirrigwarda l-kawżali taħt l-artikolu 811(e) tal-Kap 12. Il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li r-rikorrenti ma setgħux, taħt il-pretest li xi qorti "ivvintat" liġi, jeħilsu milli jindikaw liema liġi kienet tgħodd għall-każ, ladarba din il-ħtieġa "*ad validitatem*" tridha l-liġi nnifisha. L-għażla li jitolbu t-tħassir tas-sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-appell tagħhom taħt din il-kawżali kienet tagħhom biss u ħadd ma ġegħilhom jirrikorru għaliha. Imma ladarba għamlu dik l-għażla, ma kienx sewwa li ma joqogħdux għal dak li titlob minnhom il-liġi. It-tismija tal-artikolu tal-liġi "t-tajba" huwa rekwiżit meħtieġ[24] u n-nuqqas ta' tħaris ta' dak ir-rekwiżit iġib l-irritwalita' tal-att ġudizzjarju[25];

Illi, minbarra dan kollu, jidher li **dwar il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi** (Art. 811(e) tal-Kap 12), ir-rikorrenti jgħidu li din il-Qorti, fis-sentenza li tagħha qegħdin jitolbu t-tħassir, naqset li tqis li l-artikolu 6 tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtihomx ilkoll tassew rimedju ieħor xieraq biex jindirizzaw l-ilment tagħhom kontra l-esproprju li sar fuq ħwejjiġhom;

Illi fid-dawl ta' dak li l-Qorti semmiet aktar qabel, ladarba r-rikorrenti naqsu li jsemmu liema hija l-liġi li l-Qorti messha applikat, ma huwiex il-każ li tgħaddi biex tistħarreġ din il-kawżali. Madankollu, jidher li dak li r-rikorrenti jridu jiksbu b'dan l-ilment tagħhom hu t-trattazzjoni mill-ġdid tal-punt mistħarreġ u

[24] Ara App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Benċini noe vs Żammit Paċe noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.392**)
[25] App. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et*** (mhix pubblikata)

maqtugħ kemm mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta’ Ottubru 2012 u kif ukoll mis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Mejju 2013;

Illi biex jitqies li f’sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabiliti f’dik is-sentenza, d-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi. Dan mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għall-ebda ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwestjoni tkun fuq interpretazzjoni ta’ liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta’ kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi mħaddma liġi li ma kinitx tapplika għall-każ. Terġa’ u tgħid, f’każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta’ liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet;

Illi l-funzjoni ta’ kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta’ użu ta’ diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-

eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[26], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba jew kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[27];

Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-vjolazzjoni tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[28]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, "*falsa applicazione* (di legge) *e' la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si estende. ... (L)a falsa applicazione e' sempre positiva; e' un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria*"[29];

Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina tagħha. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranita' tal-ġudikant u, bħala tali m'hijiex suġġetta

[26] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)
[27] Mattirolo *Trattato di Diritto Giudiziario Civile* (1904), Vol. IV, par. 1043
[28] Merċieca *Ibid*, Kap 6, paġ. 126
[29] Borsari *Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato* (1872), f'par. 648

għar-ritrattazzjoni[30]. Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ[31];

Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk il-Qorti li qegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[32]. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet appell"[33] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti;

Illi ddur kemm iddur mal-ilment tar-rikorrenti, wieħed ma jistax ma jasalx għall-fehma li kulma jissottomettu f'dan il-proċediment diġa' kien mistħarreġ, diskuss u deliberat mill-Qorti fiż-żewġ istanzi u, b'mod partikolari, fis-sentenza attakkata. B'dan il-mod, il-kawżali taħt eżami ma tibqax tgħodd iżjed sewwasew minħabba dak li jgħid il-*proviso* tal-paragrafu (e) tal-artikolu 811;

[30] App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
[31] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)
[32] App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Avukat Emanuel Ċefai*** , fost oħrajn
[33] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)

Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti għat-tħassir tas-sentenza fuq il-bażi tat-tħaddim ta' liġi ħażina;

Illi **dwar il-kawżali tas-sentenza milquta minn żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża** (Art. 811(l) tal-Kap 12), ir-rikorrenti jgħidu li s-sentenza attakkata naqset li tindirizza l-aggravji kollha, b'mod partikolari dawk li jirreferu għall-kunpannija rikorrenti Transpak Overseas Removals Limited, tant li lanqas biss semmiethom tul is-sentenza kollha;

Illi hawnhekk huwa xieraq li wieħed iqis sewwa x'inhu dak li tgħid il-liġi sabiex tali kawżali titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista' titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha[34] u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza;

Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (e) tal-artikolu 811[35], li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti

[34] App. Ċiv. **3.4.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi vs Galea Naudi*** (Kollez. Vol: **XXV.i.137**)
[35] Ara App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**)

nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[36]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[37];

Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien l-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[38]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[39];

Illi l-argument ewlieni tar-rikorrenti f'dan ir-rigward hu li meta l-Qorti stħarrġet jekk kienx minnu jew le li huma kellhom rimedju ieħor tajjeb minflok jirrikorru għall-proċediment "kostituzzjonali", naqset li tqis l-aggravji tal-kumpannija rikorrenti li ma hijiex sid l-art u l-post esproprijati. Dan l-argument baqa' jittenna saħansitra sat-trattazzjoni tal-għeluq;

Illi l-Qorti tqis li dan l-ilment tar-rikorrenti ma huwiex tajjeb. Fl-ewwel lok, qari tajjeb tas-sentenza attakkata juri li din il-Qorti ġabret flimkien u fis-sustanza

[36] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit vs Michael Żammit Tabona et***
[37] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe vs Mary Camilleri et***
[38] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[39] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca***

dawk li kienu l-aggravji kollha tar-rikorrenti flimkien u fliethom b'dak il-mod u applikathom għaċ-ċirkostanzi partikolari li s-sentenza riedet tindirizza: jiġifieri, jekk ir-rikorrenti kollha kellhomx rimedju ieħor xieraq u ma nqdewx bih. Fit-tieni lok, ma joħroġ l-ebda żball mill-atti tal-kawża fil-konfront tas-sentenza attakkata għaliex il-jeddijiet differenti tar-rikorrenti (u b'mod partikolari tal-kumpannija rikorrenti bħala inkwilina) ma kinux rilevanti għad-determinazzjoni tal-punt waħdieni li l-Qorti kellha quddiemha. Fit-tielet lok, jidher ċar li jekk tabilħaqq joħroġ xi żball dan jikkonsisti fit-tifsira infondata li r-rikorrenti qegħdin jagħtu lil-liġi. Meta għal darba tnejn ir-rikorrenti baqgħu jisħqu li l-Qorti ma qisitx il-qagħda ta' Transpak Overseas Removals Limited "għaliex din m'hijiex sid imma kerrej u għalhekk il-Kap 88 ma jgħoddx għaliha" kienu qegħdin itennu ħsieb żbaljat li ma jikkorrispondix mal-liġi u jattribwixxu dak l-iżball lill-Qorti li tat is-sentenza attakkata. L-ideja tar-rikorrenti li għaliex xiħadd li għandu interess fi proprjeta' esproprijata jkun kerrej tagħha ma jistax igawdi mir-rimedji mogħtija mill-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta hija ideja żbaljata. Biżżejjed wieħed jaqra t-tifsira ta' "sid" li tinsab fl-artikolu 2 tal-istess Ordinanza biex wieħed jagħraf id-dgħufija tal-argument tar-rikorrenti f'dan ir-rigward. Fir-raba' lok, kif tajjeb jissottomettu l-intimati ritrattati, ma hemm l-ebda każ ta' żball li joħroġ mill-atti jekk kemm-il darba l-Qorti, fis-sentenza attakkata, ma ssemmix sagramentalment u bl-istess sekwenza kull aggravju mressaq quddiemha mill-parti appellanti, sakemm dik is-sentenza tindirizza dawk l-aggravji li jkunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-appell imressaq quddiemha[40];

[40] App. Ċiv. **30.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Feneco Ltd vs Pronto Developers Ltd.*** (§ 48) u s-sentenza App. Ċiv. **21.1.2014** fl-istess

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-ilment tar-rikorrenti ritrattandi taħt din il-kawżali jfalli wkoll għaliex il-proċess tar-ritrattazzjoni ma jistax iservi biex jifli r-raġunament tal-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata. F'dan ir-rigward, il-Qorti terġa' tirreferi għall-konsiderazzjonijiet magħmulin fir-rigward tal-kawżali ta' qabel relattivi għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba tar-rikorrenti lanqas taħt din il-kawżali ma jistħoqqilha tintlaqa';

Illi ladarba m'hemmx raġunijiet tajbin li għalihom is-sentenza attakkata għandha titħassar, lanqas hemm raġunijiet tajbin biex l-appell jerġa' jinstema' mill-ġdid;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti**, bl-ispejjeż kontra tagħhom, billi ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi u għas-smigħ tal-appell minnha mill-ġdid.

ismijiet li ċaħdet talba għar-ritrattazzjoni tagħha

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------